DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 21/2007

tas-27 ta' April 2007

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness IX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE ta' l-10 ta' Awissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet operattivi għal ditti ta' investiment u termini definiti għall-għanijiet ta' dik id-Direttiva ([2]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 ta' l-10 ta' Awissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta' investimenti li jżommu r-reġistri, ir-rappurtaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, id-dħul ta' l-istrumenti finanzjarji fin-negozjar, u t-termini definiti għall-għanijiet ta' dik id-Direttiva ([3]) għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 30caa (Direttiva tal-Kunsill 93/22/KE) ta' l-Anness IX għall-Ftehim:

"30cab. **32006 L 0073**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE ta' l-10 ta' Awissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet operattivi għal ditti ta' investiment u termini definiti għall-għanijiet ta' dik id-Direttiva (OJ L 241, 2.9.2006, p. 26).

30cac. **32006 R 1287**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 ta' l-10 ta' Awissu 2006 li jimplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-obbligi tad-ditti ta' investimenti li jżommu r-reġistri, ir-rappurtaġġ tat-tranżazzjonijiet, it-trasparenza tas-suq, id-dħul ta' l-istrumenti finanzjarji fin-negozjar, u t-termini definiti għall-għanijiet ta' dik id-Direttiva (OJ L 241, 2.9.2006, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2006/73/KE u Regolament (KE) Nru 1287/2006 bl-Iżlandiż u n-Norveġiż, li għandhom ikunu ppubblikati fis-Suppliment tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom jkunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 89, 29.3.2007, p. 24.
([2]) ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26.
([3]) ĠU L 241, 2.9.2006, p. 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE ta' u fis-Suppliment ŻEE ta'l-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(*) Ir-rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.